**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 496/2019**

**Illum, tlieta (3) ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- detentur tal-karta tal-identità numru -Omissis-** akkuzat talli:

**Fit-8 ta' Awwissu 2019 u matul il-gimghat, xhur u snin ta' qabel gewwa -Omissis- f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti**

**u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

1. **Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur ta' -Omissis- mwielda fl--Omissis- li tigi in-neputija tieghu meta hu kien tutur ta' l-imsemmija minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri giet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**
   *Art. 207, 202(b)(g)(h)(vii)(j)(k) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' -Omissis- mwielda fl--Omissis- li tigi in-neputija tieghu meta hu kien tutur ta' l-imsemmija minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri giet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**
   *Art. 204C (2)(a)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. **Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'ghemil zieni, ikkorrompa lill -Omissis- mwielda fl--Omissis- li tigi in-neputija tieghu meta hu kien tutur ta' l-imsemmija minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri giet fdata lilu sabiex jiehu**

**hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**

***Art. 203(1)(a)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-**

***Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

**Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq jghogobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412D ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma -Omissis- mwielda fl--Omissis-.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.**

**F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Dicembru, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi[1] li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 18, 31, 201(a), 202(b)(g), 203(1)(a)(c), 204C(1), 207, 208B(1)(2)(2A)(6), 209A, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat in-nota tal-Prim Imhallef Mark Chetcuti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2021 fejn assenja din il-kawza lil

[1] Folio 245.

din il-Qorti kif presjeduta stante li l-Magistrat Dr Audrey Demicoli kienet giet elevata ghal Imhallef;

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-minuri **-Omissis-** fil-prezenza ta' esperta nominata mill-Qorti l-psikologa Carmen Sammut u bis-sistema awdjoviziva li gie spjegat lilha l-importanza li tghid il-verità kollha u mhux xi haga li qalilha haddiehor.

Il-minuri spjegat li dan l-ahhar kienet marret barra minn Malta bil-vapur flimkien mal-kugini taghha u maz-zijiet u n-nanniet -Omissis- u -Omissis-. Hija f'din il-vaganza qaghdet fil-kamra mal-genituri taghha u huha. Lil missierha hemmhekk qaltlu li kellha *secret* li kien li n-nannu taghha -Omissis- kien jurilha d-*duda* meta dawn kienu jkunu d-dar tieghu u kien jghidilha wkoll biex jaghmlu c-*cuccu* mad-*duda* izda hija kienet tghidlu le. Spjegat illi c-*cuccu* hija l-parti privata taghha. Tghid illi mbaghad ma baqax jaghmilhielha. Hija tghid illi forsi kellha erba' (4) jew hames (5) snin meta nannuha kien jaghmlilha hekk. Xi kultant kienet tghidlu li ma kellhiex aptit u hu kien jghidilha *"u ejja?"* u hi kienet terga' tghidlu le. Kien jghidilha hekk biex johrog il-*halib* minn mad-*duda*. Hija tghid ukoll illi meta kien isaqsiha hekk hija kienet

taghmel idejha warajha u tersaq lura, intant nannuha kien ikun b'idejh imiss il-parti tieghu. Tghid li din grat xi ghaxar (10) darbiet u dejjem fid-dar taghhom isfel. Fuq domanda tal-prosekuzzjoni jekk hija xi darba dahlet fil-kamra tal-banju u kien hemm in-nannu jinhasel il-minuri ma rrakuntat xejn u dan ghaliex l-imputat kien irrakonta din l-istorja fl-istqarrija tieghu.

Fuq domanda inkontroezami jekk qattx dahlet fuq in-nannu taghha meta huwa kien qed gharwien jinhasel u missietlu d-*duda*, hija nnegat li qatt gara hekk. Dejjem inkontroezami spjegat illi n-nannu kien xi daqqiet imissilha c-*cuccu* minn fuq il-qalziet ta' taht wara li jnizzillha x-shorts u anke xi kultant il-panty. F'dan kollu tghid illi kienu jkunu wehidhom bin-nanna jew tkun qed -Omissis- jew fil-garaxx u l-mamà u l-papà taghha kienu jkunu x-xoghol. Tghid illi l-papà taghha jsajjar u ommha -Omissis-.

Xehdet **-Omissis-** li tigi omm il-minuri -Omissis- li rrakkontat meta kienu marru btala Sqallija l-familja kollha u tghid illi fl-ahhar gurnata sid il-post fejn kienu joqghodu hallewlhom kamra wahda sabiex jippreparaw ruhhom u ghalhekk tghid illi fejn ma taghmilx hekk is-soltu, dik id-darba dahhlet lit-tifla taghha -Omissis- tinhasel maghha u

xhin ratha gharwiena t-tifla harget mill-kamra tal-banju u marret ghand missierha fejn stqarret mieghu li riedet tghidlu sigriet. Fl-istess kamra ma' missierha kien hemm oht missierha li jisimha -Omissis-, fejn il-minuri qaltilhom li n-nannu jinza' l-qalziet u johrogilha d-duda. Din tkompli li damu jistaqsuha jekk kinitx qed tghid il-verità izda din baqghet issostni li kollox kien il-verità. Tghid illi mbaghad l-ghada u cioè wara li kienu marru lura d-dar regghet staqsiet lit-tifla jekk kinitx qed ticcajta izda t-tifla regghet ikkonfermat dak kollu li hija kienet qalet il-gurnata ta' qabel. Qaltilha li n-nannu kien johrog id-duda, jaqbdilha jdejha u jpoggihielha fuq il-parti tieghu u jghidilha "ejja ha johrog il-halib". Qaltilha wkoll li kien inezzghalha l-panty u jpoggiha fuqu halli johrog il-halib. L-omm tghid illi tant kienet iddizgustata illi harget mill-kamra u bdiet tibki u tghajjat u mbaghad wara li kkalmat cemplet l-Appogg.

Illi wara dan kollu li bdiet tahseb irrealizzat li hafna affarijiet li kien jaghmel kien jaghmilhom bi skop. Perezempju l-fatt li kien jixtrilha hafna helu lit-tifla, jew li kien idewwaqha l-inbid.

Ix-xhud ikkonfermat illi l-mara tal-akkuzat -Omissis- f'diversi lokalitajiet mhux -Omissis- biss u taghmel hekk permezz ta' vann. Tghid illi din il-mara thobb tohrog hafna

mal-hbieb taghha u ssiefer apparti li filghodu tkun -Omissis- u fil- -Omissis-.

Meta din reghhet giet rikjamata biex tixhed hija tghid illi -Omissis- kienet ghamlet zmien tqum billejl tghajjat u twerzaq u dan kien meta kellha bejn erba' (4) u hames (5) snin. Izzid ukoll:

> *"Ehe t-tifla kienet jigifieri filli trid tmur l-iskola f'daqqa wahda ma riedet tmur b'xejn jigifieri anke t-Teacher kienet qaltli jien qatt ma rajt tfal bhalha. Anke kienet tmur ghand il-Madam dejjem tibki u tghoxa u qas kienu jdahluha Teachers jigifieri. U mbaghad meta fethet qalbha giet ghan-normal ghax it-tifla mhux wahda stramba dejjem kienet thobb u hekk dik bidla. Billejl dejjem tqum tibki u tghajjat fhimt jigifieri taraha t-tifla. U qaltli darbtejn li kellha secret imma b'xejn ma riedet tghidilna".*

Xehed ukoll missier il-minuri **-Omissis-** li ghazel li jixhed minkejja l-fatt illi l-imputat huwa missieru. Huwa jikkonferma l-fatti hekk kif rakkontati mill-mara tieghu u kkonferma wkoll illi ommu tahdem bhala -Omissis-, tqum fit-tlieta ta' filghodu u tmur tixtri l--Omissis- u mbaghad

-Omissis-.

Huwa spjega kif hu u l-mara tieghu ghandhom *-Omissis-* u ghal din ir-raguni t-tifla taghhom kienet tkun ta' spiss ghand in-nanniet taghha. Jghid illi l-bicca l-kbira kienet fil-*weekends* kienet tkun jew ghand il-genituri tieghu, jew ghand omm il-mara jew ghand xi hadd minn hut il-mara. Bhala hinijiet isemmi mis-sebgha ta' filghaxija sa xi nofsillejl.

Inkontroezami x-xhud zied jghid kif hmistax qabel ma siefru lejn Sqallija mar hdejh fil--Omissis- missier l-imputat u qallu li kellu balla fuq l-istonku izda ma kien qallu xejn aktar. Jghid illi qabel siefru kien imur kuljum hdejh il-
-Omissis- li kienet xi haga insolita.

Semghet ukoll lil **-Omissis-** li tigi z-zija tal-minuri -Omissis- li ddikjarat illi xtaqet tixhed ghalkemm l-imputat huwa missierha. A skans ta' ripetizzjoni x-xhud spjegat dak li kien gara fil-btala ta' Sqallija u ziedet illi missier -Omissis- kien qal lill-minuri li jekk dak li kienet qalet kien veru kien ser jiggieled ma' missieru u qabzet it-tifla u qaltlu biex imorru jghidulu dak il-hin izda ddecidew li jmorru lura d-dar qabel jghidu xi haga.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Marisa Mifsud** li kienet giet imqabbda mill-Qorti kif diversament presjeduta sabiex tittraskrivi l-istqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. MM1.[2] F'din l-istqarrija l-imputat jikkonferma li kemm-il darba kienu joqoghdu hu u l-minuri wehidhom fid-dar taghhom u ghal mistoqsija jekk kienx imissilha l-parti privata taghha hu jghid illi *"minn fuq il-hwejjeg gifieri, ngharraxa u hekk"* izda nnega li qatt werielha l-parti tieghu u gibdilha jdejha biex tmiss il-parti tieghu. Jghid ukoll illi ilu xi sentejn qabel il-kaz li jista' jkollu erezzjoni u jghid illi t-tifla kienet tigdeb mal-kugini taghha. L-imputat ikompli jghid fl-istqarrija *"Le, li ghidtilkom forsi gieghli messejta hekk jew nghid ha naqbadulha jew hekk, jien ghandi vizzju nghaddi minn maghha tkun hekk, ngharraxa f'zaqqa, taqbad tidhak hi ghax tingharax hafna u nibqa' ghaddej, qed tifhimni? . . . Gieghli forsi nizzilt naqra idi zzejjed 'l isfel qed tifhimni? Imma mhux mal-laham jew hekk ta'."*

Irrakonta wkoll meta halla t-tifla tilghab bil-kompjuter fil-kcina u hu dahal jinhasel minghajr ma sakkar il-bieb mentri l-mara tieghu kienet qieghda tistrieh fuq is-sufan meta jghid illi dahlet it-tifla meta huwa kien wiccu lejn il-hajt tax-shower jissapna u fil-pront it-tifla dahlet u qabditlu l-parti

[2] Fol. 107 et seq.

tieghu. Jghid illi fil-pront indunat il-mara tieghu u bdiet tghajjat maghha u tatha daqqa fuq idejha. Jghid ukoll illi t-tifla kellha vizzju tinza' gharwiena meta tidhol id-dar taghhom u l-mara tieghu taghmel ghaliha ghaliex tiehu rih.

Fuq ir-relazzjoni tieghu mal-minuri jghid illi huma dejjem jiccajtaw anke hi mieghu. Fil-fatt jghid *"kunfidenza ifhimni dik li tigi hi, titla' fuqi u tibda taqbadli wicci u sebah u dalam u dan, qed tifhimni? U gieghli naghtiha xi daqqa hekk jew naqbdilha l-warrani, nghidilha hawn ja, qed tifhimni, biex niskarezzahha speci ta' tfal".*

Fit-tieni stqarrija li saret limitatament fuq l-incident tax-shower huwa prova jiskredita lin-neputija tieghu billi jpingiha bhala "nittiena" u jghid illi hi kienet ta' spiss tnizzillu z-zip tal-qalziet u hi li kienet dahlet fix-shower u taqbadlu l-parti tieghu. Però jghid illi hu u l-mara qatt ma qalu b'dawn l-affarijiet lill-genituri taghha.

Jghid ukoll illi ta' spiss kien ikun ghaddej u jaqbdilha l-parti taghha u jghidilha "ic-cuccu" u dan skont hu biex jaraha tidhaq. Jghid li din kien jaghmilha sija meta hija kienet tkun bil-qalziet ta' taht kif ukoll meta tkun bil-qalziet ta' fuq. Aktar tard fl-istqarrija jghid illi t-tifla kienet ta' spiss issaqsih biex tara d-duda tieghu u kienet ukoll tipprova

tnizzillu z-zip tax-shorts u jghid li fil-fatt darba minnhom qasmitlu z-zip.

Xehdet ukoll **-Omissis-** li tigi omm -Omissis- u n-nanna ta' -Omissis- fejn tirrakkonta li darba minnhom wara li hargu l-fatti li rrakkontat -Omissis-, din kienet fil-kcina maghha u qaltilha li kienet strahet meta qalet kollox u meta din staqsietha ghaliex kienet zammet kollox go qalbha din qaltilha li n-nannu kien ibezzaghha bil-pulizija.

Finalment xehdet **-Omissis-** li hija ghalliema fl-iskola ta' fejn kienet tiffrekwenta -Omissis- u tghid illi fil-Year 1 din it-tifla kienet tibki hafna aktar minn normal tant li wara li kienet tissaportiha hafna kienet tibghat ghal ommha. Tghid ukoll illi l-haga stramba kienet li -Omissis- kienet tibki wkoll fis-summer school xi haga li kienet insolita hafna.

Bhala provi difiza ttella' l-akkuzat **-Omissis-** li prattikament ix-xhieda kollha tieghu kienet centrata fuq l-incident li kien semma' hu b'mod volontarju fl-istqarrija tieghu u cioè dak tax-shower. Fix-xhieda tieghu penga lilu nnifsu bhala xi qaddis fejn jghid li lanqas biss kien irid jiehu lill-minuri t-toilet u ghal dan il-ghan kien jghid lill-mara. Jghid ukoll illi t-tifla ma kinitx xi wahda mqarba izda kienet tifla normali

izda mfissda. Fuq mistoqsija tad-difensur tieghu huwa cahad li qatt iffastidja lill-minuri izda ma dahalx fl-ebda dettal ta' x'seta' kien dan il-fastidju.

Fuq domandi inkontroezami mill-ufficjal prosekutur l-imputat xehed illi qabel ma kien dahal jinhasel il-mara tieghu kienet fil-kcina u l-minuri f'ras il-mejda tal-ikel fl-istess kamra. Fuq domanda ohra meta l-ufficjal prosekutur irreferiet ghall-istqarrija tieghu meta qal illi kien jaqbdilha l-parti taghha u jgharraxaha biex jaraha tidhaq huwa nnega li kien jaqbdilha l-parti taghha izda zaqqha.

Illi l-Qorti ghamlet access fir-residenza tal-imputat fuq talba tad-difiza nhar l-erbgha (4) ta' April 2023 fejn ittiehdu tmien (8) ritratti[3] u hemmhekk l-imputat iddikjara li a rigward l-incident tax-shower ix-shower cubicle kien miftuh waqt li kien qed jinhasel, u meta allegatament dahlet it-tifla huwa kien wiccu mal-hajt tax-shower u cioè dahru jaghti ghall-bieb tal-kamra tal-banju. Jghid illi l-bieb tal-kamra tal-banju ma kienx imsakkar u dan minhabba l-fatt li jekk jaqa' jkunu jistghu jifthu l-bieb malajr.

Illi l-ezami tieghu tkompla wara li gew ikkostatati certi fatti fl-access huwa kompla jispjega kif f'dak il-mument li

[3] Dok. DT1 a folio 289 -

allegatament dahlet it-tifla huwa ma kienx qed juza l-ilma izda kien qed jissapna lilu nnifsu. Jghid illi meta hassha taqbadlu l-parti tieghu huwa ghajjat lill-mara tieghu u din giet ghaliha. Jghid illi meta l-mara giet ghaliha mill-bitha, it-tifla kienet ghadha kif qabzet il-cubicle.

Xehdet finalment il-mara tal-imputat **-Omissis-** fejn ikkonfermat illi meta sar l-incident tax-shower hija kienet fil-bitha meta semghet lir-ragel jghajjat u hija dahlet gol-kamra tal-banju, ghajtet maghha u qaltilha "pastaza". Tghid illi wara dan ir-ragel taghha taha daqqa fuq idha lit-tifla. Fuq domanda tal-avukat difensur tal-pozizzjoni li kien ir-ragel taghha meta dahlet fil-kamra tal-banju t-twegiba kienet li hu kien wiccu mal-hajt. Tghid ukoll illi huma ma jinhaslux meta jkun hemm it-tfal izda mbaghad f'nifs iehor tikkonferma li dakinhar ir-ragel taghha kien dahal jinhasel meta kien hemm it-tifla. Tghid ukoll illi kellha tiftah il-bieb sabiex tidhol fil-kamra tal-banju u tohrog lit-tifla.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-akkuza l-aktar gravi kontra l-imputat hija dik ta' korruzzjoni ta' minorenni sancita mill-Artikolu 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li prezentement u cioè qabel l-emenda b'Att XIII tal-2018 u kontinwat wara din l-

emenda. Illi dan l-Artikolu llum il-gurnata jghid is-segwenti:

*"203.(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*

*Izda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin: ...*

*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fizika, kif ukoll dik psikolog ika;*

*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-genituri adottivi, jew mit-tutur, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax-il sena sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha; ..."*

Illi qabel l-emenda tal-2018 dan ir-reat kien sancit mill-Artikolu 203(1)(c) li kien jaqra s-segwenti:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** fin-Noti tieghu jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat: *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."* Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the*

*defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghall-koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghall-korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti, f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying*

*one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa il-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat minn raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid

tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:-

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** [4] fejn gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** [5]**,** il-Qorti qalet:

[4] QA Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997.
[5] (QA Kriminali - deciza 9 ta' Lulju 2003.

"… *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*".

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>** [6] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-*

[6] QA Kriminali - deciza fil-31 ta' Ottubru 2013.

*decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac - cirkostanzi kollha tal- kaz* ."

## IKKUNSIDRAT

Illi tenut kont ta' dak li gie kkonstatat hawn fuq f'din is-sentenza, fil-kaz odjern il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju ta' min hi l-aktar verzjoni kredibbli u dan wara li qieset numru ta' cirkostanzi li emanaw f'dawn il-proceduri.

Illi l-imputat minn dejjem innega bil-mod tieghu l-allegazzjonijiet tal-minuri -Omissis- izda ghal xi raguni njota ddecieda li jghid storja li allegatament grat meta huwa kien qed jinhasel u dan biex jipprova jiskredita l-verzjoni tal-minuri. Illi din l-istorja li rrakkonta l-imputat hija fallaci u ma tohloq l-ebda dubju ragjonevoli, u dan ghal diversi ragunijiet.

Illi fl-ewwel lok l-istorja kif evolviet minn meta rrakkontaha fl-istqarrija sa meta qalha bil-gurament fil-Qorti, hadet diversi sfumaturi. Fl-istqarrija jghid illi meta huwa dahal

jinhasel il-mara tieghu kienet qed tistrieh fuq is-sufan li jigi ezatt biswit il-bieb tal-kamra tal-banju kif jidher mir-ritratti esebiti anke minnu[7] mbaghad fil-verzjoni li ta quddiem il-Qorti huwa jghid illi l-mara tieghu kienet fil-kcina mbaghad marret fil-bitha.

Fit-tieni lok huwa jghid illi meta dahlet il-mara tieghu fil-kamra tal-banju t-tifla kienet digà harget mill-cubicle. Li kieku veru kien kif qed jghid hekk li l-mara tieghu fethet il-bieb u t-tifla kienet hierga mill-cubicle, kieku zgur mhux forsi kienet taghti daqqa ta' bieb lill-minuri u dan kif gie kkonstatat mill-access fuq il-post li sar[8] fejn irrizulta l-ispazju ristretto ta' din il-kamra. Inoltre', il-mara tieghu kkonfermat illi l-bieb tal-kamra tal-banju kien maghluq meta allegatament kien hemm it-tifla, b'dan illi bilfors kellha tifthu. Dan iwassal biex issir osservazzjoni ohra, kemm huwa inverosimili li t-tifla li kellha biss madwar hames (5) snin, dahlet fil-kamra tal-banju u ghalqet il-bieb warajha biex tkun tista' tidhol fix-shower?

Illi fit-tielet lok, l-imputat jghid fl-istqarrija li meta dahlet it-tifla fix-shower huwa kien dahru lejha u cioè wiccu mal-hajt tax-shower jissapna lilu nnifsu. Imbaghad, mit-

[7] Folio 278.
[8] Ritratt folio 291.

testimonjanza tal-mara tal-imputat, din tghid illi meta dahlet gol kamra tal-banju l-imputat kien ghadu qieghed wiccu mal-hajt tax-shower. Din il-haga hija ferm improbabbli meta kkonfrontata mal-verzjoni tal-imputat li xhin dahlet it-tifla u giet minn warajh u messitlu l-parti tieghu, dan qallha *pastaza* u taha daqqa fuq idejha. Allura dan kollu li qal li ghamel l-imputat ghamlu kollu b'wiccu ghadu lejn il-hajt tax-shower? Din il-verzjoni aktar tkompli tikkonvinci lil din il-Qorti kemm din l-istorja hija ghal kollox ivvintata b'tali mod biex turi li l-minuri kellha dawk it-tip ta' fantasiji kif fil-fatt ukoll l-imputat juza l-kelma *nittiena* meta jirreferi ghaliha. Illi dan il-komportament min-naha tal-minuri ma gie bl-ebda mod ippruvat mid-difiza lanqas b'mod remot.

## IKKUNSIDRAT

Illi tenut dak kollu li nghad hawn fuq u gialadarba giet skartata l-istorja tal-imputat tax-shower, jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi cirkostanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u il-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l-importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir talQorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra*;"

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir

Anthony Mamo fin-**Notes on Criminal Procedure**[9] b'dan il-mod:

> *"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intellegence of the witness**.*
>
> *Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what*

[9] Pg 106 – 107.

*he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent****. It cannot hear him without oath (...)".*[10]

[10] Emfazi mizjuda mill-Qorti.

Illi fit-tieni lok u fl-ambitu tal-kredibilità ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma onlajn **HEINONLINE** [11] ppublikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament publikazzjonijiet minn Albany Law Review tal-1993 fejn intqal is-segwenti:

> *"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*
>
> *Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother*

[11] ENSURING RELIABLE TESTIMONY FROM CHILD WITNESSES IN SEXUAL ABUSE CASES: APPLYING SOCIAL SCIENCE EVIDENCE TO A NEW FACT-FINDING METHOD – Julie A Dale

*had done to him, a 7-year old boy of borderline intelligence placed the head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the hindparts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri -Omissis- kienet ta' età zghira meta tat ix-xhieda taghha, il-Magistrat dak iz-zmien, kienet hadet il-prekawzjoni li jkollha maghha psikologa mqabbda minnha u kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehmet li riedet tghid il-verità.

Illi a rigward il-fatti li qalet it-tifla, ugwalment din il-Qorti kif presjeduta m'ghandhiex dubju li l-fatti li rrakkontat il-

minuri huma veritjieri u dan ghaliex kienu mghammra minn fatti u spjegazzjonijiet dettaljati u konsistenti li bdew minn meta qalet dawn il-fatti meta kienu Sqallija sakemm ma dehret il-Qorti. Fil-fatt meta l-minuri giet mistoqsija fuq l-allegat incident tax-shower, din baqghet teskludi li kien hemm dan l-incident, xi haga li tkompli tikkorrabora l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li tali storja kienet ivvintata mill-imputat. Illi ghalkemm il-minuri ma setghetx telabora u tkun akkurata fuq l-aspett temporali ta' meta gew kommessi dawn ir-reati, però ugwalment din il-Qorti setghet tasal ghal konvinzjoni illi dawn saru fil-perjodu msemmi fl-akkuza. Dan gie korroborat mit-testimonjanzi tal-genituri tal-minuri kif ukoll tal-ghalliema taghha li wkoll xehdu fuq il-komportament erratiku u esegerat tal-minuri li jkollha holm ikrah bil-lejl u l-fatt illi kienet tikbi hafna b'mod mhux normali meta hija kienet fl-ewwel snin tal-iskola.

Illi di piu' d-difiza ma gabet l-ebda prova sabiex ixxejjen din il-verzjoni tat-tifla. Ix-xhieda prodotti mid-difiza ma ghamlu xejn minn dan. Minflok sar tentattiv grossolan sabiex tiskredita lill-minuri bhala persuna li tali tentattiv kien rizultat ta' xhieda kontradittorji ghall-ahhar u biex aktar jikkonvincu l-Qorti mill-genwinità tal-minuri.

Illi d-difiza naqset ukoll milli tkompli telabora fuq l-istat fiziku tal-imputat li ma setax ikollu erezzjoni ghal numru ta’ snin stante li din qisha giet migjuba bhala xi forma ta’ difiza. Ghalkemm kif intqal minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza bl-ismijiet **Sp. John Spiteri v. Claudio Perossa** [12] tali kondizzjoni fizika ma biddlet xejn ghall-ezitu finali tal-kolpevolezza tal-imputat, xorta wahda d-difiza kellha l-obbligu li mhux biss tfajjar allegazzjonijiet izda li tohloq dubju ragjonevoli li dak li kienet qalet il-minuri ma kienx mis-sewwa. Izda dan ma sarx!

Illi finalment qed tigi kkwotata sentenza tal-**Corte di Cassazione Taljana** [13] li ssib applikazzjoni perfetta ghal kaz *de quo* u fejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkundannat lill-imputat fuq stupru u korruzzjoni ta’ minorenni giet ikkonfermata. Illi l-partijiet emfasizzati huma dawk li jsibu applikabilità ghal kaz *de quo*. Din is-sentenza tghid hekk:

> *“4.2. La sentenza impugnata espone gli elementi e le ragioni fondanti il suo giudizio di attendibilità del racconto della persona offesa, sulla cui base ha ritenuto provati i fatti indicati nell'imputazione.*

---

[12] Kump Nru. 329/2020.
[13] SEZ. III PENALE - 07 settembre 2022 N. 32865.

*Appare utile premettere che, come analiticamente precisato nella sentenza di primo grado, secondo il racconto della persona offesa, l'imputato ha agito ripetutamente nel tempo, e, segnatamente, ha: -) toccato i genitali della minore penetrandone la vagina con le dita; -) compiuto atti di masturbazione davanti alla stessa; -) costretto la vittima a masturbarlo; -) costretto la minore a praticare sesso orale; -) posto, in almeno due occasioni, il proprio pene a contatto con la vagina della persona offesa, simulando una penetrazione.*

***La Corte d'appello, in particolare, evidenzia che la persona offesa: -) ha iniziato a raccontare delle violenze subite ai suoi compagni di classe e poi ad una insegnante, la quale aveva informato i vertici dell'istituto, a loro volta autori della denuncia ai Carabinieri; -) è stata esaminata anche nel corso delle indagini sugli episodi in esame dai Carabinieri con l'ausilio di una psicologa, e, ciononostante, non gli è stata effettuata alcuna contestazione; -) ha sempre manifestato grande difficoltà emotiva a rievocare e narrare delle violenze subite; -) ha***

*manifestato più volte intenti autolesivi, ritenuti "di natura inequivocabilmente post-traumatica".*

*Rappresenta, poi, che le imprecisioni della persona offesa in ordine alla collocazione temporale dei fatti ed alla loro frequenza sono del tutto marginali, perchè non attengono alla ricostruzione del loro contenuto, e possono trovare spiegazione nell'età della minore, nel tempo trascorso e nella valenza traumatica degli episodi.*

*Osserva, quindi, che il racconto della vittima relativo ai movimenti compiuti dall'imputato nel toccarle i genitali e nel penetrarla non può essere frutto della sua fantasia, anche perchè non è coerente con le competenze della sua età e denota esperienza diretta, e non è incompatibile con le problematiche sessuali dell'uomo, siccome queste non gli impediscono una breve erezione.*

*Aggiunge, ancora, che le dichiarazioni accusatorie della persona offesa non possono ritenersi determinate, o, meglio, "sovraccaricate", da sentimenti di odio nei*

***confronti dell'imputato, sia perchè questa ipotesi non ha trovato alcun riscontro, sia perchè la descrizione delle esperienze sessuali risulta altamente precisa e realistica, anche in considerazione dell'età della ragazza,*** *sia perchè anche l'assistente sociale O. ha riferito come la minore non ha mai riferito la sua avversione nei confronti dell'uomo a cause diverse dalle violenze subite.*

*4.3. Le conclusioni della sentenza impugnata in ordine all'attendibilità delle dichiarazioni della persona offesa, ed alla loro idoneità a fondare il giudizio di responsabilità dell'attuale ricorrente per i fatti al medesimo contestati sono immuni da vizi.*

***Il giudizio di positiva attendibilità delle dichiarazioni della minore, infatti, è stato espresso all'esito di un'analitica disamina delle stesse e di tutti gli elementi acquisiti al processo, sulla base di massime di esperienza sicuramente accettabili. Del resto, non sono emerse incompatibilità del racconto con elementi oggettivi, e l'imputato ha ammesso, sia pur solo parzialmente, di aver compiuto in più occasioni***

***atti sessuali con la vittima, all'epoca sicuramente in tenera età e comunque infraquattordicenne.***

*5. Infondate sono le censure proposte nell'ottavo motivo, che contestano il diniego dell'attenuante della minore gravità del fatto, deducendo l'impropria valorizzazione della pluralità degli episodi, da ritenere non più di quattro.*

*Secondo la giurisprudenza, ai fini della configurabilità della circostanza attenuante del fatto di minore gravità, prevista dall'art. 609-bis, comma 3, c.p., deve farsi riferimento ad una valutazione globale del fatto, nella quale assumono rilievo i mezzi, le modalità esecutive, il grado di coartazione esercitato sulla vittima, le condizioni fisiche e mentali di questa, le caratteristiche psicologiche valutate in relazione all'età, in modo da accertare che la libertà sessuale non sia stata compressa in maniera grave e che non sia stato arrecato alla vittima un danno grave, anche in termini psichici (cfr., per tutte, Sez. 3, n. 50336 del 10/10/2019, L., Rv. 277615-01).*

> *La sentenza impugnata ha escluso l'attenuante del fatto di minore gravità valorizzando, in particolare, la reiterazione degli abusi nel tempo.*
>
> ***La conclusione indicata è corretta, sia perchè gli episodi sono molteplici, sia perchè dai fatti come ricostruiti in sentenza emergono molteplici connotazioni negative degli stessi, in particolare per l'invasività e per le conseguenze psichiche prodotte e che hanno spinto la vittima a compiere in più occasioni atti autolesivi."***[14]

## IKKUNSIDRAT

A rigward l-akkuza tal-attentat vjolenti ghall-pudur tal-minuri -Omissis- sancit bl-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru 1998 fejn intqal:

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis- sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat*

[14] Emfasi mizjuda mill-Qorti.

*mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet The Police v. Thomas Wiffen. F'din is- sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista Francesco Carfora, li:*

*"'Atti di libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine .... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine ... noi rileveremeo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di unha certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni*

*sessuali' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967, sottolinear tal-Qorti).*

*"Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taht certi cirkostanzi, li wiehed imiss is-sider ta' tfajla jista' jammonta ghal att ta' libidini. Fil-kaz ta' Wiffen, is-suggett attiv (missier il-minorenni) kien ta' spiss imiss is-sider ta' bintu taht it-tnax-il sena, kif ukoll xi mindaqqiet il-partijiet privati taghha (pero` dejjem minn fuq il- hwejjeg) filwaqt li kien jghidilha biex thallih jaghmel hekk sabiex ikun jista' jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu. F'dak il-kaz din il-Qorti kienet minghajr l- icken ezitazzjoni sabet li kien hemm atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna. Mill- banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud [Vol. XXXIX.iv.931]:*

*"'Ghandu jigi ... osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem "att ta' libidini", imma anke stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il- Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal- Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX),*

*ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore".*

*"Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l- att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-proviso tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall- paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** moghtija mill-Imhallef William Harding fit-8 ta' Jannar 1955 [15] jintqal hekk:

*"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l- azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu*

[15] (Vol. XXXIX.iv.931).

*bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet – 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` della causa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

*L-istess jghid l-Arabia (Principi del Diritto Penale, p. 344), fejn b'riferenza ghall-ghemil tas-suggett attiv f'reat simili, jindikah bhala 'ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli di libidine, perche` non han per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta."*

Illi ghaldaqstant, gialadarba r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni gie ppruvat, dan ir-reat jigi kompriz u involut fir-reat aktar gravi.

## IKKUNSIDRAT

A rigward ir-reat ta' attività sesswali ma' minuri taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien meta twettaq l-allegat reat (qabel l-emenda tal-2018) kien jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija sa sentejn . . . .".*

Illi minghajr ma toqghod tidhol f'aktar gurisprudenza jinghad illi l-atti maghmula mill-imputat versu n-neputija tieghu jinkwadraw fid-definizzjoni ta' attivitajiet sesswali stante illi kienu atti li jinvolvu l-organi sesswali tal-partijiet. Ghalhekk dan ir-reat gie ppruvat u ser jigi kkunsidrat bhala mezz ghal fini tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri.

Illi ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm l-akkuzi jirreferu ghal atti maghmula qabel ma dahlet l-emenda hawn fuq imsemmija u baqghu jsiru sa wara din l-emenda u

ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju taghha ma ghamlitx l-ebda referenza ghal dan din il-Qorti qed taghmilha cara li mhijiex ser tapplika l-pieni l-aktar oneruzi u cioè dawk li dahlu wara l-emenda u dan fuq il-principju tal-aktar piena favorevoli ghall-imputat ghandha tigi applikata izda tapplika l-awment dwar il-kontinwità ta' tali atti.

**PIENA**

Illi ghalkemm ma hemmx dubju a rigward il-htija fuq l-imputat ta' xi whud mill-akkuzi, din il-Qorti ghamlet analizi approfondita a rigward il-piena li ghandha tigi erogata. Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-imputat ghandu età konsiderevoli, izda konxja tal-fatt ukoll illi huwa ttradixxa d-dover li kellu versu n-neputija u minflok ha hsiebha huwa ha vantagg tal-età tenera taghha u korrompiha. Ghal dawn il-motivi l-piena ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva tenut kont tal-gravità tar-reat kommess mill-imputat.

Fuq kollox kif inghad fis-sentenza tal-Appell Krininali (Inferjuri) per Imhallef Edwina Grima fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v. Paschalino Cefai** (dec 29/11/18) fejn kien qed jigi kkwotat is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene' sive Nazzareno Micallef** (28/11/2006):

*"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir- riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas- socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.".*

L-istess Qorti tal-Appell fil-kawza ta' Cefai tkompli billi tghid is-segwenti:

> *"Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*
>
> *(a) the punishment of offenders;*
> *(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence);*
> *(c) the reform and rehabilitation of offenders;*
> *(d) the protection of the public;*
> *(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 201(a), 203(1)(a)(c), 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghall-fini tat-tielet (3) akkuza u stante li l-ewwel (1) akkuza hija assorbita fit-tielet (3) akkuza tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija.

Il-Qorti wkoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn (2) liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.**

________________________________________
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**